MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 278/2003

**Avviz numru 278/2003DM**

**Brian u Veronika konjugi Debattista**

**Vs**

**Concetta Charles**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l- atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltin (Lm3,500) rapprezentanti flus mislufa lilha permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Pierre Cassar tas-23 t’Ottubru 2002 anness mall-avviz u mmarkat bhala Dok X liema flus hija ghadha ma rrestitwit fiz-zmien stipulat fl-istess kuntratt u cioe fiz-zmien erba xhur.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv.

Billi l-konvenuta debitament notifikata la dehret biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Wara li l-Qorti rat ukoll il-kuntratt tat-23 t'Ottubru 2002 esibit a fol 3 tal-process issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef u hames mija Lira Maltin (Lm3,500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Mejju tas-sena 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------